**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2016

Talba Numru: 375/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 59

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**

**Vs**

**Lucy Anne Mallia (485974M)**
**95, Golden Gennet,**
**Triq Guzepp Demicoli,**
**Hal Ghaxaq**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-15 ta' Settembru, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€623.88c) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' kommunikazzjoni maghruf bhala 'Home Pack 42' li gie pprestat mis-Socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40505847;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, baqhet ma kkontestatx it-talba fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Ms Melanie Pace li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi fis-seduta' ta' nhar l-10 ta' Novembru, 2016 f'liema affidavit gie ddikjarat li l-ammont pretiz ghadu dovut fl-intjier tieghu u li ma din is-somma jriedu izdiedu d-drittijiet, spejjez u l-imghaxijiet legali skont it-talba.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€623.88c) bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**